# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-23 ta' Jannar 2020**

Appell numru 538 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Nicola FARRUGIA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' Nicola FARRUGIA, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 319260M fejn ġie mixli, talli **f'Diċembru 2008 u fix-xhur preċedenti**, f'dawn il-Gżejjer, in suċċint, ikkommetta r-reati ta :

   i. Truffa jew frodi innominata a detriment ta' Emanuel Camilleri bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;

ii. Approprijazzjoni indebita a detriment ta' Emanuel Camilleri bi ksur tal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali;
iii. U li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Rat li permezz ta' Nota tar-rinviju għal Ġudizzju datata 5 ta' Marzu 2014, l-Avukat Ġenerali kien għażel li jixli formalment lill-imputat appellant bir-reati ta' truffa u frode innominata u bl-addebitu tar-reċidiva filwaqt li ometta l-imputazzjoni tal-appropriazzjoni indebita.

3. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet li wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati ta' dak ir-reat u l-addebitu tar-reċidiva u qegħditu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin mid-data ta' dik is-sentenza, filwaqt li ordnatlu jħallas lil Emanuel Camilleri s-somma ta' elf, tnejn u għoxrin euro u tlettax il-ċenteżmu fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza.

4. Permezz ta' rikors datat 22 ta' Marzu 2019, l-imputat interpona appell minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn din *illiberat mill-appellant mit-tieni u t-tielet (sic!) akkuża, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellha* fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tar-reat ta' truffa u l-addebitu tar-reċidiva kif ukoll fejn ordnatu jħallas lil Emanuel Camillieri s-somma ta' elf, tnejn u għoxrin euro u tlettax il-ċenteżmu fi żmien sitt xhur mid-data ta'

dik is-sentenza, u dan għar-raġunijiet, li in suċċint, huma s-segwenti : -

a. Li l-appellant ġie mixli bir-reati de quo għall-perjodu f'Diċembru 2008 u fix-xhur preċedenti; iżda mill-provi rriżulta li r-reat kien seħħ f'Jannar 2005;
b. Li ma kienux ġew soddisfaċentement ippruvati l-elementi tar-reat ta' truffa;

5. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza, fejn l-Avukat Ġenerali, matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawża ikkonċeda li f'dan il-każ ir-reat ta' truffa li tiegħu ġie misjub ħati l-appellant ġie mwettaq f'Jannar 2005.

***Ikkunsidrat : -***

6. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-ħruġ taċ-ċekk mill-kwerelant lill-appellant meritu ta' dan il-każ kien sar f'Jannar 2005. A fol 11 tirriżulta eżebita kopja-immaġini taċ-ċekk t'elfejn Liri Maltin (Lm2000) maħruġ minn Emanuel Camilleri lil Nicholas Farrugia, ċjoe l-appellant, bin-numri 1341. Mix-xiehda ta' Audrey Ghigo, rappreżentant ta' HSBC Bank Malta plc, a fol 107 et seq jirriżulta li dan iċ-ċekk kien ġie msarraf.

7. Ġie pruvat soddisfaċentement li in kontrakkambju l-appellant ħareġ ċekk mill-kont bankarju tiegħu, liema ċekk kien iġib in-numru 116, u ħarġu *post-dated* bid-data tas-27 ta' Jannar 2005, fl-ammont ta' elfejn u ħamsin Liri Maltin favur il-kwerelant Emanuel Camilleri. Jirriżulta pruvat ukoll, inkluż mix-xiehda ta' Audrey Ghigo li dan iċ-ċekk maħruġ mill-appellant bin-numru 116 ġie depożitat fil-kont bankarju li jsejjaħ lil Emanuel Camilleri nhar it-18

ta' Frar 2005. Iżda rriżulta wkoll li dan iċ-ċekk kien ġie mibgħut lura – referred to drawer - mill-HSBC Bank Malta plc peress li l-kont ta' minn fejn kien ħareġ, jiġifieri l-kont tal-appellant, kien ġie magħluq fil-11 ta' Frar 2005.

8. Jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kienet waslet għall-konklużjoni li l-appellant kien ħati tar-reat ta' truffa minħabba li wara dan l-iskambju ta' ċekkijiet, l-egħluq tal-kont bankarju mill-appellant, in-nuqqas ta' fondi disponibbli biex minnu jkun jista' jiġi mħallas il-kreditu tal-kwerelant, l-imputat appellant baqa' ma ħallasx id-dejn tiegħu mal-kwerelant minkejja d-diversi wegħdiet li huwa kien għamel li se jagħmel dan. Dan wassal biex fl-14 ta' Diċembru 2006 il-kwerelant għamel kwerela formali mal-Pulizija, kif jirriżulta a fol 79.

9. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-appellant kien stqarr mal-Pulizija li huwa kien ħareġ iċ-ċekk 116 a favur tal-kwerelant u ddatah biex ikun jista' jissarraf mis-27 ta' Jannar 2005 il-quddiem minħabba li kellu jirċievi xi flejjes, iżda huwa mar żmerġ fil-kalkoli tiegħu u spiċċa biex ma kellux flus biżżejjed biex iċ-ċekk in kwistjoni jkun jista' jissarraf.

10. Il-Qorti tal-Maġistrati kompliet tirrintraċċja t-*timeline of events* bejn il-partijiet, inkluż iż-żewġt pagamenti li l-appellant kien għamel a favur tal-kwerelant fl-ammont totali t'elf Liri Maltin, kif ukoll li fl-aħħar tas-sena 2007 u l-bidu tal-2008 l-imputat kien għamel xogħol ta' bini lill-kwerelant bħala kompensazzjoni fl-ammont stimat mill-Perit Tancred Mifsud li kien jiswa' sitt mija ħdax il-Lira Maltin u

għoxrin ċenteżmu (Lm611.20). L-istess Qorti kompliet tanalizza offerti ta' ħlas oħra li kienu saru mill-appellant lill-kwerelant iżda li dawn ġew rifjutati mill-kwerelant in kwantu huwa kien qiegħed jippretendi li kellu jirċievi l-flejjes kollha dovuti mill-appellant, inkluż flejjes oħra li ma kienux meritu ta' dan il-każ.

11. Illi l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fl-appellant għar-reat ta' truffa in bażi għall-imputazzjonijiet kif formulati u l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali. Ġie pruvat li l-kwalifika taż-żmien miktuba fuq l-imputazzjoni kienet marbuta mal-perjodu Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel. Fl-ebda punt tal-proċess ma jirriżulta li din il-kwalifika ta' żmien kienet ġiet mibdula jew almenu saret talba mill-Prosekuzzjoni biex tinbidel. Il-provi juru f'Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel kien hemm kreditu eżistenti favur il-kwerelant u dovut mill-appellant. Jirriżulta pruvat ukoll li fl-istess perjodu l-appellant u l-kwerelant kienu qegħdin jaraw kif dan il-kreditu (jew krediti) jista' jiġi mħallas jew paċut.

12. Minkejja li l-episodji marbuta mall-ħruġ taċ-ċekkijiet rispettivi, nonche l-egħluq tal-kont bankarju tal-appellant ġie soddisfaċentement ippruvat li sar bejn Jannar u Frar 2005, il-Qorti tal-Maġistrati xorta għażlet li ssib ħtija fl-appellant għar-reat ta' truffa kontestat lilu bħala allegatament kommess f'Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel. Skont kif jirriżulta anke minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana anke reċenti, ir-reat ta' truffa huwa

wieħed ritenibbli ta' natura istantaneja[1] u mhux reat permanenti. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni kienet ċara fir-rigward tal-parametri temporali imsemmija fiċ-ċitazzjoni u li fihom hija kienet qegħda tixli lill-appellant li allegatament ikkommetta r-reat ta' truffa. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li r-reat ta' truffa ġie kommess fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Il-Prosekuzzjoni kellha l-opportunita kollha li tikkoreġi din il-varjanza, iżda dan ma għamlitux. Hawnhekk si tratta ta' proċediment li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali u mhux proċediment ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell ta' Nicola FARRUGIA, tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; benintiż li din is-sentenza tħalli impreġudikat kwalunkwe drittijiet u pendenzi ċivili bejn il-partijiet.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

[1] Ara sentenza numru 212079 tal-1999 u oħra tas-6 aprile 2009, numru 14905, Cassazione Penale.